L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| DATA: | il-31 ta' Awwissu 2018 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

Wieġeb Taqsima A u **TLIET** mistoqsijiet oħra li trid minn Taqsima B.
Taqsima A għandha 40% tal-marka totali u Taqsima B għandha 60%.

**TAQSIMA A**
**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA. Kull mistoqsija għandha 4 marki.**

1. Semmi **ERBA'** karatteristiċi tal-Poplu ta' Alla.
2. Ġesù għamel is-Saltna ta' Alla reali fid-dinja. B'liema modi?
3. Għaliex il-Knisja tissejjaħ Kattolika?
4. X'nifhmu meta ngħidu li aħna nistgħu nkunu responsabbli għad-dnub tal-oħrajn?
5. Xi dmirijiet għandha s-soċjetà lejn il-familja?
6. Semmi **ERBA'** dnubiet prinċipali kontra l-kastità.
7. X'inhu l-ġid komuni?
8. X'nifhmu meta ngħidu 'sejħa universali għat-talb'?
9. Fid-Diskors tal-Muntanja, Ġesù għallem it-talba tal-Missierna lid-dixxipli tiegħu. Spjega l-istruttura ta' din it-talba.
10. Liema huma l-festi kkmandati li l-Insara f'Malta obbligati jħarsu?

**(Total: 40 marka)**

**TAQSIMA B**
**Agħżel TLIET mistoqsijiet u weġibhom fid-dettall. Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

1. Il-Knisja spiss tappella għar-raġuni umana fit-tagħlim tagħha dwar il-veritajiet reliġjużi rrevelati minn Alla. Iżda fl-aħħar mill-aħħar, in-Nisrani jrid jemmen li Alla rrivela lill-Knisja dak kollu li huwa neċessarju għas-salvazzjoni.

a. Il-fidi x'inhi? (8)
b. Tista' r-raġuni tikkomplementa l-fidi? Spjega. (6)
c. B'liema mod ir-Rivelazzjoni hi importanti għall-Fidi Nisranija? (6)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb wara.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

2.a. X'jobbligana nagħmlu l-Ewwel Kmandament? (8)

b. Il-'qima ta' għoġol tad-deheb' tinstema' xi ħaġa stramba fid-dinja tal-lum, imma kienet tagħmel sens fi żmien meta l-bniedem kien ipoġġi t-tama tiegħu fi statwi u xbihat. Liema huma l-għoġġiela tad-deheb li l-bniedem tal-lum hu ttentat li jadura u jsegwi? (8)

c. Hemm ċirkustanzi fejn il-qima tal-qaddisin u ta' oġġetti u xbihat sagri ma' tmurx kontra l-Ewwel Kmandament. Meta u għaliex? (4)

**(Total: 20 marka)**

3. Il-ġustizzja soċjali hi aspett importanti mill-missjoni tal-Knisja.

a. X'nifhmu b'ġustizzja soċjali? (5)

b. X'inhi r-responsabbiltà tal-awtorità politika? (5)

c. Għaliex il-Knisja tinsisti fuq d-dinjità tal-bniedem? (5)

d. X'nifhmu b'solidarjetà umana? (5)

**(Total: 20 marka)**

4. Persuna tista' tirċievi s-Sagrament tal-Ordni Sagri fi tliet gradi differenti.

a. Liema huma dawn it-**TLIET** gradi? (3)

b. Spjega l-irwol tal-ministru f'kull grad. (14)

c. Iddeskrivi l-oriġini tas-saċerdozju b'rabta mat-Testment il-Qadim biss. (3)

**(Total: 20 marka)**

5. It-talb tal-Insara jieħu **ĦAMES** forom. Semmi u spjega **KULL WAĦDA** minn dawn il-forom.

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**INTERMEDIATE MATRICULATION LEVEL**
**2018 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| DATE: | 31st August 2018 |
| TIME: | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

Answer Section A and **ANY THREE** questions from Section B.
Section A carries 40% of the total mark while Section B carries 60%.

**SECTION A**
**Answer ALL questions. Each question carries 4 marks.**

1. Name **FOUR** characteristics of the People of God.
2. Jesus made the Kingdom of God real in the world. In what ways?
3. Why is the Church called Catholic?
4. What do we mean when we say that we may be responsible for the sin of others?
5. What duties does society have towards the family?
6. Name **FOUR** major sins against chastity.
7. What is the common good?
8. What do we mean when we say 'a universal call for prayer'?
9. In the Sermon on the Mount, Jesus taught the Our Father to his disciples. Explain the structure of this prayer.
10. Which are the holidays of obligation that Christians in Malta have to observe?

**(Total: 40 marks)**

**SECTION B**
**Answer THREE questions in detail. Each question carries 20 marks.**

1. The Church often appeals to human reason in her teaching about religious truths revealed by God. But at the end, the Christian must believe that God revealed to the Church all that is necessary for salvation.

a. What is faith? (8)
b. Can reason complement faith? Explain. (6)
c. In what way is Revelation important to the Christian Faith? (6)

**(Total: 20 marks)**

***Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

2.a. What does the First Commandment compel us to do? (8)

b. 'Worshipping the golden calf' sounds very strange in today's world, but it made sense when man used to put his trust in statues and images. Which are the golden calves modern man is tempted to adore and follow? (8)

c. There are circumstances when the veneration of saints and of holy objects and images does not go against the First Commandment. When and why? (4)

**(Total: 20 marks)**

3. Social justice is an important aspect of the mission of the Church.

a. What is meant by social justice? (5)

b. What is the responsibility of political authority? (5)

c. Why does the Church insist on human dignity? (5)

d. What is meant by human solidarity? (5)

**(Total: 20 marks)**

4. A person can receive the Sacrament of Holy Orders in three different degrees.

a. Which are these **THREE** degrees? (3)

b. Explain the minister's role in each degree. (14)

c. Describe the origin of the priesthood only in connection with the Old Testament. (3)

**(Total: 20 marks)**

5. The prayer of Christians takes **FIVE** forms. Name and explain **ALL** of them.

**(Total: 20 marks)**